Minuti tat-8 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar
It-Tnejn 25 ta' Jannar, 2010. Il-laqgha nbdiet hin 6.00pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | Carmen Vella |

**Ufficjali:**
Segretarju Ezekuttiv Joanne Attard

## 1. Qari, Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tas-6 laqgha.

1.1 Lisa Brooke infurmat li hija ma rcivietx il-Minuti tal-laqgha minhabba xi problemi fil-mailbox taghha. Minhabba f'hekk gie deciz li l-Minuti tas-7 laqgha ser jigu approvati waqt il-laqgha li jmiss. Sadanittant Lisa Brooke inghatat hard copy tal-Minuti.

## 2. Xogholijiet tar-Rising Main u resurfacing fi Triq il-Knisja u l-Pjazza.

2.1 Is-Sindku spjega illi hemm Manager gdid fi hdan il-Water Services Corporation Ghawdex u l-Kunsill ghandu jerga' jiftah diskussjoni jekk huwiex possibbli illi fil-pjazza isir water main fuq kull genb. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.2 Is-Sindku spjega illi ghandha issir il-laqgha mal-Perit tal-Kunsill sabiex jigi diskuss il-progett tal-Pjazza u Triq il-Knisja.

2.3 Il-Kunsill qabel illi meta johorgu l-offerti tax-xogholijiet tal-pjazza ghandu jsir avviz fil-lokalita' permezz tal-avvizi tal-Kunsill.

2.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jithejja pjan ta' kif ser jigu implimentati dawn ix-xogholijiet biex jigu koordinati mat-tliet attivitajiet principali li ser ikun hemm fil-lokalita' u li huma Seher il-Punent f'Marzu, il-Kungress tax-Xirka li ser isir fl-Gharb f'April u l-festa' tal-lokalita' li tahbat f'Lulju.

2.5 Il-Kunsill qabel li l-ahjar soluzzjoni tkun li x-xoghol isir f'fazijiet. Il-Kunsill iddiskuta l-fatt ukoll li l-kuntrattur li ser iwettaq dawn ix-xogholijiet huma impenjat fi progetti ohra tal-Gvern Centrali u ghalhekk gie deciz li ghandha ssir laqgha mal-Perit kif ukoll mal-kuntrattur sabiex ikun imfassal il-programm tax-xoghol.

2.6 Dwar Seher il-Punent gew diskussi diversi possibilitajiet ta' kif jista' jsir il-festival filwaqt li jibqghu ghaddejjin ix-xogholijiet u wahda mill-proposti

diskussa kienet illi l-attivitajiet isiru fi Pjazza Santu Pietru. Peress li hemm il-possibilita' illi id-data tal-Festival tinbidel gie deciz li ghandu jigi notifikat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar din il-possibilita' skond Memo 14/2010.

2.7 Manuel Muscat staqsa kif beda x-xoghol fi Triq ta' Pinu qabel ma saru x-xogholijiet li kellhom isiru fi Triq Sdieri. Gie spjegat illi ghalkemm ix-xoghol inbeda u certu xogholijiet li kellhom isiru fi Triq Sdieri ghadhom qed isiru hemm commitment min naha tal-Ministeru ghal Ghawdex li dawn ix-xogholijiet ser isiru u ghalhekk il-Kunsill ma jistax jibqa jopponi biex ix-xogholijiet fi Triq ta' Pinu ma jinbdewx.

2.8 Is-Sindku spjega illi intbaghtu invoices ghall-ammont dovut sabiex isir it-tarmak fi Triq il-Knisja u l-Pjazza lill-Ministeru ghal Ghawdex u lill-Water Services Corporation sabiex dawn ikunu jistghu jigu nkluzi fil-kontijiet tal-Kunsill bhala dhul dovut.

## 3. Progett ta' Wied il-Mielah

3.1 Is-Sindku spjega illi x-xoghol qed jiprogressa kif ippjanat fejn ix-xoghol fuq ir-resurfacing tat-triq ser ikun lest fi ftit granet. Gie spjegat illi beda x-xoghol fuq il-bridges ukoll u l-ewwel bridge inbena izda il-Perit ghadu jistudja jekk il-bqija tal-bridges hux ser jibqghu jinbnew bil-konkrit jew bil-planki. Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni illi dan ma jistax isir jekk it-tender ma kinitx tipprovdi ghalih. Is-Sindku spjega illi wiehed irid jara jekk it-tender tippermettix u li l-Perit qed jiccekkja ukoll jekk il-permess tal-MEPA jippermettix illi il-bridges jinbnew bil-planki minflok bil-konkos.

3.2 Is-Sindku spjega illi qed isiru diskussjonijiet mal-PPCD sabiex il-fondi jintefqu malajr kemm jista' jkun sabiex ma jkunx hemm ir-riskju illi dawn ma jkunux utilizzati.

3.3 Gie spjegat illi saret talba sabiex il-kont tar-rapport dwar il-valley dams li ammonta ghal €1215.40 u li kien mitlub mill-MEPA x'aktarx ser jithallas mill-fondi tal-progett peress illi dan kien mitlub mill-MEPA wara li l-progett kien approvat.

3.4 Gie spjegat illi qed isiru diskussjonijiet mal-PPCD sabiex uhud mill-offerti li inhargu imma ma kienx hemm respons tajjeb mis-suq jinqasmu u jinhargu bhala kwotazzjonijiet. L-offerta tas-security cameras u l-binoculars ghadhom pendenti u hekk kif jasal lura mis-safar wiehed mill-membri tal-bord l-Ing. Mario Galea tkun tista' titkompla l-evalwazzjoni.

3.5 Gie spjegat illi l-unika issue li fadal pendenti mal-MEPA fir-rigward tal-progett ta' Wied il-Mielah hija dwar it-tabelli.

## 4. Bankina fi Sqaq il-Fgura.

4.1 Is-Sindku spjega illi meta kien imsiefer matul Dicembru 2009 ircieva telefonati fir-rigward tal-bankina fi Sqaq il-Fgura minghand iz-zewg partijiet ikkoncernati l-Avukat Mario Scerri u s-Sur Robert Borg li t-tnejn damu fuq il-linja ghal madwar

40 minuta u li huwa qed jistenna li jircievi il-kont biex ikun jista' jigbor lura l-ispejjez relatati. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.2 Is-Sindku spjega illi qabel ma siefer kien avvicinat minn Dr Scerri li kien qed isir xi xoghol relatat mal-bankina in kwistjoni. Is-Sindku zied jghid li staqsa li Scerri jekk hemmx oggezzjoni dwar ix-xoghol li kien qed isir u li t-twegiba kienet li sakemm ma tkunx kostruwita il-bankina fil-kantuniera hu ma jsibx oggezzjoni. Kien spjegat li aktar tard mar fuq il-post fejn kienu prezenti wkoll ufficjali tal-MEPA fejn huwa gie mistoqsi zewg mistoqsijiet:-
Jekk ix-xoghol hux qed isir mill-Kunsill fejn huwa irrisponda li le peress li la il-haddiema u lanqas il-materjal ma huwa tal-Kunsill u kif ukoll jekk ix-xoghol kienx qed isir bil-barka tal-Kunsill. Is-Sindku staqsa lill-istess ufficjali dak li kien qed isir imurx kontra l-approvazzjoni tal-MEPA u li jekk le il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni. Kien spjegat mill-Ufficjali tal-MEPA illi l-enforcement li kien hemm gie rilaxxat la darba il-front garden kien irtirat 'il gew mal-linja tal-izvilupp. Is-Sindku spjega illi kien dejjem Dr Mario Scerri li kien ikellmu bhala objector ghall-bankina proposta u kien isemmi lil certu John Farrugia u Prof. Aquilina. Is-Sindku spjega illi meta kien imsiefer bdew jintbaghtu hafna emails mill-partijiet ikkoncernati li sahansitra kienu qed jigu ikkuppjati lill-Prim Ministru. Ghalhekk huwa hass li ghandha issir laqgha fuq il-post bejn il-partijiet kollha ikkoncernati u li fiha jekk jista' jkun issir rikonciljazzjoni u tinstab soluzzjoni bejn il-partijiet dwar il-parti li fuqha hemm problema li hija il-kantuniera mal-propjeta' ta' Borg.

4.3 Saret diskussjoni fit-tul dwar il-kwistjoni fejn anke issemma il-fatt illi hemm avviz legali li jghid li bankina biex issir trid l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali u mhux tal-MEPA. Wara d-diskussjoni il-Kunsill qabel illi ghandha issir il-laqgha mal-partijiet ikkonceranti u din ser issir fl-istess waqt tal-laqgha tal-Kunsill li jmiss li giet stabbilita ghat-3 ta' Frar fil-5.00pm. Kien deciz illi l-Kunsill ghandu jahtar Avukat u Perit biex jaghtu parir imparzjali dwar din is-sitwazzjoni. Peress li l-Avukat Mario Scerri huwa l-avukat tal-Kunsill, ma jistax iservi fuq din il-materja peress li huwa personalment involut. Peress li l-Perit tal-Kunsill Edward Scerri jigi il-kugin tal-Avukat Scerri kien hemm qbil li anke hawnhekk ghandu jinhatar Perit indipendenti. Gie deciz illi fuq dan il-kaz ghandhom jinhatru l-Avukat Kevin Mompalao u l-Perit Carmelo Borg. Raymond Cassar ma hax sehem fil-votazzjoni. Il-Kunsill qabel ukoll illi l-Perit Borg ghandu jigi inkarigat jaghmel survey tal-post u jiccekkja dwar l-applikazzjoni li hemm mal-MEPA. Il-Kunsill qabel illi fil-laqgha mal-partijiet ikkoncernati il-Kunsill m'ghandux jidhol fil-kwistjoni ta' min hija l-art.

**5. Laqgha annwali tal-lokalita'**

5.1 Il-Kunsill qabel unanimament illi l-laqgha annwali tal-lokalita' ghandha issir nhar il-Gimgha 5 ta' Frar, 2010 hin 6.30pm gewwa l-ufficju amministrattiv tal-Kunsill.

5.2 Is-Sindku spjega illi kien hemm qbil mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali illi l-laqgha tal-Kunsill ta' Jannar ser issir hekk kif jasal lura mis-safar is-Sindku.

### 6. Karnival 2010.

6.1 Il-Kunsill qabel unanimament illi l-attivita' tal-Karnival fl-Gharb ghandha issir il-Hamis 11 ta' Frar, 2010. . Ghalhekk ghandu jithejja l-programm u jsiru il-preparamenti kollha f'dan ir-rigward.

### 7. Approvazzjoni ta' hlasijiet.

**7.1** Peress li Lisa Marie Brooke ma rcivietx id-dokument skeda ta' pagament bil-posta elettronika gie deciz illi l-iskeda tigi approvata fil-laqgha li jmiss.

### 8. Korrispondenza u materji ohra.

8.1 Seher il-Punent 2010

Il-Kunsill iddiskuta dwar Seher il-Punent 2010. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-applikazzjoni sabiex delegazzjoni minn Quadrelle tkun tista' izzur l-Gharb f'Marzu 2010 giet approvata. Gie spjegat illi ghal Seher il-Punent il-Kunsill inghata wkoll €5000 mill-fond ghall-attivitajiet kulturali tas-Segretarjat Parlamentari Konsultazzjoni u Djalogu Pubbliku. Il-Kunsill qabel illi bhala akkomodazzjoni ghall-grupp ta' Quadrelle ghandu jsir avviz fil-lokalita' ghal min jixtieq joffri l-akkomodazzjoni. Is-Sindku spjega illi hemm fondi biex issir konferenza u hemm possibilita' illi l-Kunsill japplika ghal dawn il-fondi ukoll. Is-Sindku spjega illi jekk tigi il-banda jew il-grupp folkloristiku minn Quadrelle it-tema tal-konferenza tkun tista' tigi bbazata fuq il-folklor. Il-Kunsill qabel unanimament u ghandu jsir tentattiv biex il-Kunsill ikun jista'jorganizza konferenza u jibbenefika minn dawn il-fondi.

8.2 Is-Sindku spjega illi Gabriella Bigatti li ghandha agenzija fl-Italja li tapplika ghal progetti Ewropej tinsab ma tiflahx u ghalhekk l-agenzija taghha ser iwaqqfu il-progetti kollha li kellhom pendenti. Gie spjegat illi kien hemm fil-process applikazzjoni ghal progett youth ma Comunita' Collinare Colli Tortonesi u li dan ukoll waqaf.

8.3 Manuel Muscat spjega illi huwa akkumpanja lil Paul Curmi ghall-mixja fil-kampanja ta' Wied il-Mielah u r-rotta giet riveduta minn kif originarjament proposta sabiex jigi evitat il-periklu u sabiex jigi evitat l-art tal-privat. Giet spjegata wkoll il-moghdija tar-rotta kif riveduta. Il-Kunsill qabel unanimament ma din ir-rotta izda gie deciz illi r-rotta originali ghandha tkun tidher ukoll bid-dotted lines bhala rotta alternattiva. Gie deciz ukoll illi attrazzjonijiet bhal Halq Hamiem ghandhom ikunu immarkati fir-rotta bhala attrazzjonijiet. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex min jaf b'aktar attrazzjonijiet ta' dan it-tip ghandu jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex tkun tista' tittiehed nota taghhom.

8.4 Il-Kunsill qabel unanimament illi ghandha issir harga socjo kulturali ghall-anzjani gewwa Ghawdex. Data tentattiva il-Hadd 21 ta' Frar, 2010.

8.5 Inghatat kopja tal-Ligi konsolidata bl-emendi li saru bl-Att XVI tal-2009 lill-Kunsillieri. Il-Vici-Sindku kien gabar il-kopja tieghu meta attenda attivita' gewwa l-Kempinski San Lawrenz.

8.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-Kunsill gie fir-raba post fil-Local Enterprise Support Award u ta' dan ser jinghata is-somma ta' €5000. Is-Sindku ippropona illi parti minn dawn il-fondi jintuzaw sabiex isir direttorju tal-negozji gewwa l-Gharb. Il-Kunsill qabel unanimament u gie deciz li ghandu johrog avviz f'dan ir-rigward sabiex negozji illicenzjati li jixtiequ jitnizzlu f'dan id-direttorju jirregistraw.

8.7 Il-Kunsill qabel illi l-attivita' socjali tal-Kunsill li s-soltu ssir fi zmien il-festi ghandha issir gewwa Malta. Giet deciz li jekk ikun possibbli ghandha tinzamm id-data ghas-6 ta' Frar, 2010.

8.8 Manuel Muscat ippropona illi issir talba ghal bus shelter fi Triq Frangisk Portelli hdejn is-sub station. Gie deciz li ghandha ssir talba lill-ADT.

8.9 Is-Sindku spjega illi l-bus stop fi Triq il-Knisja giet approvata.

8.10 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-haddiema assenjati mal-Kunsill u x-xogholijiet li qed jaghmlu. Is-Sindku spjega illi huwa gie innotifikat mill-ufficjal inkarigat mill-haddiema tal-ETC sabiex dawn ma jinghatawx xogholijiet kbar ta' kostruzzjoni ecc. Il-Kunsill qabel li dawn il-haddiema ghandhom ikomplu jahdmu fuq il-hajt fi Triq San Pietru li x-xoghol kbir tieghu kien tlesta mill-haddiema tal-pooling peress li hemm il-gebel li qieghed jostakola it-triq.

8.11 Il-Kunsill iddiskuta il-Wied fil-parti ta' isfel ta' Triq il-Madonna tal-Virtu'. Il-Kunsill qabel li din l-arja ghandha titnaddaf u tkun embellished. Gie deciz li l-Perit ghandu jigi inkarigat jaghmel stima tax-xoghol sabiex jekk ix-xoghol jinvolvi spiza evaziva dan ghandu jidhol mal-budge tas-sena d-diehla jekk le dan ghandu jinhadem mill-haddiema tal-pooling meta jkunu jistghu jaghmlu dan ix-xoghol.

8.12 Il-Kunsill iddiskuta il-hitan tas-sejjieh li jinsabu fl-ewwel parti ta' Triq il-Knisja u li jaghtu dehra kerha lid-dahla tar-rahal. Gie deciz li dawn ghandhom jitrangaw max-xogholijiet ta' resurfacing tal-imsemmija triq.

8.13 Il-Kunsill qabel unanimament li r-road humps li hemm fi Triq Mongur ghandhom jitnehhew. Ghal dan il-ghan ghandu jigi inkarigat il-kuntrattur Road Construction Co. Ltd. Meta jkun qed isir ir-resurfacing taghhom ghandu jsir ukoll ir-resurfacing tal-parti d-dejqa fi Triq Birbuba.

8.14 Gie innutat li hemm mera tat-traffiku miksura fi Triq Mongur. Il-handyman ghandu jigi inkarigat jibdel din il-mera.

8.15 Giet trattat Memo 12/2010 dwar sigar. Giet trattata lista' ta' postijiet proposti mis-Sindku biex jithawwlu s-sigar fejn il-Kunsill qabel unanimament li ghandha issir it-talba ghalihom.

8.16 Il-Kunsill qabel li ghandhom jinqatghu cuttings tal-kappar sabiex dawn jithawwlu f'pots sabiex ikunu jistghu jithawwlu matul it-triq ta' Wied il-Mielah meta jkun lest il-progett. Gie deciz li din l-inizjattiva ghandha ssir bl-involviment tat-tfal tal-iskola.

8.17 Il-Kunsill iddiskuta railings ghall-Infiorata suggett ga diskuss f'laqghat precedenti. Is-Sindku ippropona li r-railing ghandu jkun wiehed semplici bhal dak uzat fil-banek u anke fil-Gozo Channel. Raymond Cassar ghandu jiccekkja minn fejn inxtraw ir-railings tal-Gozo Channel. Manuel Muscat issuggerixxa li l-Kunsill ghandu jkollu barriers bhal tal-Water Services Corporation. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi identifikat minn fejn jinxtraw dawn il-barriers. Is-Sindku zied li ghandha tintalab stima u jkun identifikat il-piz taghhom biex jingarru.

8.18 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi fil-prezent hemm opportunitajiet ghal zewg progetti Ewropej li jikkonsistu fil-programm Leonardo da Vinci u Italia-Malta. Is-Sindku spjega illi dan ta' l-ahhar ikopri l-oqsma ta' ricerka u agrikultura organika. Spjega illi hemm kumpanija Maltija interessata li taghmel progett ma l-Gharb li huwa marbut mal-medicina herbali u jixtiequ jinvolvu il-lokalita' tal-Gharb minhabba il-konnessjoni ma Frenc ta' l-Gharb. Gie spjegat illi din il-kumpanija diga kellha kuntatti mas-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said li huwa lest li jghin permezz tal-ko-finanzjament jekk il-progett jigi approvat mill-UE. Gie spjegat illi taht dan il-fond wiehed jista' japplika wkoll ghal progetti dwar energija li jkopru progetti ta' ricerka u progetti pilota zghar. Gie spjegat illi intalbet l-ghajnuna tal-MEUSAC fir-rigward ta' dawn l-applikazzjonijiet. Is-Sindku ppropona illi l-Kunsill ghandu jara kif jinvesti biex ibiddel id-dwal tat-toroq f'bozoz LED kif ukoll sistemi ta' energija alternattiva sabiex tkun offruta lir-residenti. Il-Kunsill qabel li ghandu johrog sejha ghal interess pubbliku u jinkludi laqgha ghal kuntratturi interessati. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.19 Giet trattata il-korrispondenza segwenti: minghand l-Ghaqda Dilettanti tal-Karnival fejn qeghdin jitolbu sabiex jippartecipaw fil-Karnival permezz tal-grupp taghhom ghall-hlas ta' €240. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.20 Minghand Christian Saliba fejn qeghdin jitolbu sabiex jippartecipaw fil-Karnival permezz tal-grupp taghhom ghall-hlas ta' €100. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.21 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali:

Ittra datata 23 ta' Dicembru, 09 dwar posta Eletronika ghal kull Kunsillier. Hawnhekk tqassmu l-envelops bil-username u password tal-emails lill-Kunsillieri kollha.

Ittra tal-5 ta' Jannar, 2010 fir-rigward tal-Local Enterprise Support Award fejn il-Kunsill gie infurmat li ser jircievi €5000 fil-kont tieghu bhala ghotja taht din l-iskema.

8.22 Rapporti minghand il-Kummissjoni fuq il-Vjolenza Domestika.

8.23 Mill-Onorevoli Dr. Chris Said Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni:
Ittra datata 30 ta' Dicembru, 09 dwar ko-Finanzjament ghall-Progett tal-Unjoni Ewropeja fejn il-Kunsill gie infurmat li nghata €25000 li jammonta ghal 50% tal-fondi allokati lill-Kunsill ghall-progett ta' Wied il-Mielah.
Ittra datata 18 ta' Dicembru, 09 dwar konferenza annwali li ser issir f'April.
Ittra datata 29 ta' Dicembru, 09 dwar donazzjoni ta' Sigar taz-Zebbug.

8.24 Mill-ADT fir-rigward ta' lista ta' Reserved Parking ghad-dizabilita' fl-Gharb. Il-Kunsill qabel li jinforma lill-ADT bil-parking bay li tinsab fi Triq Dun Alwig Mizzi peress li din ma kinitx elenkata fil-lista.

8.25 Mill-Gozo Joint Committee l-Annual Audit Report ghas-sena li ghalqet fil-31 ta' Marzu, 2009 flimkien ma lista ta' citazzjonijiet moghtija qabel il-'pooling' izda mhallsa fi zmien il-'pooling'.

8.26 Minghand The Malta Year Book formola ghall-booking tal-56th/57th edition.

8.27 Mill-Kumitat ghall-Ismijiet tat-Toroq ghal Ghawdex fejn il-Kunsill gie mitlub jikkonferma l-isem tat-trejqa fi Triq Birbuba bhala Trejqa ta' Mewwija. Il-Kunsill baqa ma qabilx mal-isem kif propost mill-Kumitat peress li l-antenati tal-Gharb kien jsibu din l-art bhala ta' Mawua.

8.28 Mill-Maltapost plc fir-rigward ta' pubblikazzjoni dwar il-bolol ta' Malta.

8.29 Mil-MEPA fir-rigward ta' Avviz ta' Infurzar numru ECF 1055/09.

8.30 Minghand Discern fir-rigward ta' ktejjeb li ghandhom ghall-bejgh.

8.31 Mic-Centru Fidi u Gustizzja fir-rigward ta' Catholic Social Teaching Course.

8.32 Minghand il-Care Malta fir-rigward tan-Nazzareno Vassallo Award. Il-Kunsill qabel li jinnomina lil Salvina Portelli ghal dan l-award.

8.33 Minghand l-Ombudsman ir-rapport annwali tal-2008.

8.34 Minghand EACEA fejn il-Kunsill gie infurmat li l-applikazzjoni ghall-gemellagg ma' Quadrelle giet approvata.

8.35 Mill-Universita' ta' Malta fir-rigward ta' kwestjonarju ghall-membri ta' l-Ghaqdiet.

**Pagna 8 Minuti tat-8 laqgha**

8.36 Rapport mill-NSO dwar Social Security Benefits: A locality perspective 2009.

Il-laqgha spiccat hin 9.15pm.

Konfermati minn

David Abap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv